Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 20,787, 18 ta' Frar, 2022

Taqsima B

A.L. 85 tal-2022

ATT DWAR IL-PROTEZZJONI TAL-AMBJENT (KAP. 549)

Regolamenti tal-2022 li jemendaw ir-Regolamenti dwar il-Ħarsien tal-Fenek Selvaġġ

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikoli 54 u 55 tal-Att dwar il-Protezzjoni tal-Ambjent, il-Ministru għall-Ambjent, it-Tibdil fil-Klima u l-Ippjanar, flimkien mal-Ministru għal Għawdex, u wara konsultazzjoni mal-Awtorità għall-Ambjent u r-Riżorsi, għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu.

1. It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu r-Regolamenti tal-2022 li jemendaw ir-Regolamenti dwar il-Ħarsien tal-Fenek Selvaġġ u dawn ir-regolamenti għandhom jinqraw u jinftiehmu ħaġa waħda mar-Regolamenti dwar il-Ħarsien tal-Fenek Selvaġġ, hawn iżjed 'il quddiem imsejħa "r-regolamenti prinċipali". L.S. 549.90.

Jemenda r-regolament 5 tar-regolamenti prinċipali.

2. Minnufih wara s-subregolament (11) tar-regolament 5 tar-regolamenti prinċipali għandhom jiżdiedu s-subregolamenti ġodda li ġejjin:

"(12) It-Taqsima tar-Regolamentazzjoni għall-Għasafar Selvaġġi, assistita mill-Pulizija Eżekuttiva, għandha tissosspendi minnufih il-liċenza ġenerali rilevanti għal perjodu ta' sena (1) kull meta detentur tal-liċenzja jakkumula tnax (12)-il punt penali jew aktar matul perjodu ta' sentejn (2), skont ir-regolament 12.

(13) Matul il-perjodu ta' sospensjoni tal-liċenzja rilevanti skont is-subregolament (12), id-detentur tal-liċenzja għandu jkun meqjus ineliġibbli biex japplika għal liċenzja jew permess biex jipparteċipa fi kwalunkwe attività ta' riċerka provduta skont l-ewwel proviso għar-regolament 23(1) tar-Regolamenti dwar il-Konservazzjoni tal-Għasafar Selvaġġi. L.S. 549.42.

(14) It-Taqsima tar-Regolamentazzjoni għall-Għasafar Selvaġġi għandha tirritorna l-liċenza ġenerali rilevanti lid-detentur tal-liċenzja wara li jintemm il-perjodu ta' sospensjoni skont is-subregolament (12).".

Jissostitwixxi r-regolament 12 tar-regolamenti prinċipali.

3. Ir-regolament 12 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi sostitwit bir-regolament ġdid li ġej:

"12. (1) Minkejja kwalunkwe ħaġa li tinsab f'dawn ir-regolamenti għal proċedimenti u pieni dwar reati u bla ħsara għad-dispożizzjonijiet ta' dan ir-regolament u tal-Iskeda II, fejn it-Taqsima tar-Regolamentazzjoni għall-Għasafar Selvaġġi u, jew, il-Pulizija Eżekuttiva, temmen li persuna tkun wettqet reat kontra dawn ir-regolamenti skont ma jinsab fl-Iskeda II, il-Pulizija Eżekuttiva għandha tinforma lit-Taqsima tar-Regolamentazzjoni għall-Għasafar Selvaġġi, li għandha, fi żmien tletin (30) ġurnata minn meta tirċievi din l-informazzjoni, tagħti lil dik il-persuna avviż bil-miktub fejn tiddeskrivi r-reat li dik il-persuna tkun qiegħda tiġi akkużata bih, inkluż il-punti penali għal kull reat skont l-Iskeda II, tindika l-passi li trid tieħu biex tirrimedja r-reat u l-penali amministrattiva li hi għandha tħallas għal dak ir-reat:

Iżda dan ir-regolament għandu jkun bla ħsara għas-setgħat mogħtija lill-Pulizija Eżekuttiva skont il-Kodiċi Kriminali:

Kap. 9.

Iżda wkoll kull persuna nnotifikata bl-avviż li tħossha aggravata bid-deċiżjoni tat-Taqsima tar-Regolamentazzjoni għall-Għasafar Selvaġġi taħt dan is-subregolament, tista' tappella lit-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva stabbilit taħt l-Att dwar l-Ġustizzja Amministrattiva għar-revoka jew tibdil ta' dik il-penali amministrattiva.

Kap. 490.

(2) Jekk fi kwalunkwe perjodu ta' sentejn (2) persuna takkumula tnax (12)-il punt penali jew aktar kif speċifikat fl-Iskeda II, ir-reat jew ir-reati mwettqa għandhom ikunu punibbli skont ir-regolament 5(12):

Iżda l-punti akkumulati għandhom jerġgħu lura għal żero u l-perjodu ta' sentejn (2) għandu jerġa' jibda' mill-ġdid jekk id-detentur tal-liċenzja ma jwettaqx reati oħra elenkati fl-Iskeda II fi żmien sentejn (2) mid-data tal-aħħar reat:

Iżda wkoll fil-każijiet kollha, wara r-riverżjoni għal żero punti u l-bidu mill-ġdid tal-perjodu ta' sentejn (2), id-detentur tal-liċenzja għandu jibqa' soġġett għal akkumulazzjoni ta' punti penali għal reati elenkati fl-Iskeda II:

Iżda wkoll f'każ li d-detentur tal-liċenzja jappella lit-Tribunal tar-Reviżjoni Amministrattiva u sakemm it-Tribunal jiddeċiedi jekk jirrevokax jew jibdilx il-piena amministrattiva jew le, il-perjodu ta' sentejn (2) għandu jibqa' jgħodd u l-punti penali relatati ma' dak ir-reat in kwistjoni għandhom jiżdiedu ma' kwalunkwe punti penali li l-akkużat jakkumula, u għandhom jitnaqqsu biss mit-total jekk jinħeles mill-akkużi miġjuba kontrih.

(3) Fejn ikun ingħata avviż skont dan ir-regolament, il-persuna msemmija fl-avviż tista', fi żmien wieħed u għoxrin (21) ġurnata minn notifika tal-avviż, taċċetta r-responsabbiltà għar-reat speċifikat fl-avviż u f'dak l-istess żmien tirrimedja għar-reat u tħallas il-penali indikata fl-avviż:

Iżda fejn il-persuna li lilha tingħata avviż taħt is-subregolament (1) ma taċċettax responsabbiltà għar-reat jew minkejja li tkun aċċettat dik ir-responsabbiltà tonqos milli tirrimedja r-reat fiż-żmien imsemmi qabel, għandhom jittieħdu kontriha l-proċedimenti kriminali ordinarji skont id-dispożizzjonijiet tar-regolament 11. Il-perjodu ta' sentejn (2) għandu jibqa' jgħodd u l-punti penali relatati ma' dak ir-reat in kwistjoni għandhom jibqgħu validi u għandhom jiżdiedu ma' kwalunkwe punti penali li l-akkużat seta' akkumula, u għandhom jitnaqqsu biss mit-total tiegħu jekk jinħeles mill-akkużi miġjuba kontrih.

(4) Id-dispożizzjonijiet ta' dan ir-regolament ma għandhomx japplikaw kull fejn ir-reat elenkat fl-Iskeda II ikun akkumpanjat minn reat li mhux elenkat fl-istess Skeda, inkluż meta r-reat ikun imwettaq flimkien ma' kwalunkwe reat ieħor taħt dawn ir-regolamenti, bl-eċċezzjoni ta' reati amministrattivi elenkati fl-Iskeda II, u f'dak il-każ, id-dispożizzjonijiet tar-regolament 11 għandhom japplikaw awtomatikament.".

Jissostitwixxi l-Iskeda II li tinsab mar-regolamenti prinċipali.

4. L-Iskeda II li tinsab mar-regolamenti prinċipali għandha tiġi sostitwita bl-Iskeda ġdida li ġejja:

"SKEDA II
Penali Amministrattivi
(Regolament 12)

Regolament	**Kategorija tar-reat**	**L-ewwel reat**	**It-tieni reat**	**Punti penali għal kull kategorija ta' reat**
4(d)	Nuqqas li jiġu prodotti il-liċenzja relevanti/id-dokument ta' identifikazzjoni lill-Pulizija fi żmien jumejn (2). Iżda din il-penali ma għandhiex tapplika fin-nuqqas ta' liċenza ġenerali valida għall-kaċċa jew qbid tal-fenek selvaġġ, f'liema każ l-akkużat għandu jiġi mressaq quddiem il-Qorti tal-Maġistrati u r-reat punibbli skont ir-regolament 11.	€250	€250	3
5(11)	Nuqqas li jiġi ddikjarat kull fenek selvaġġ ikkaċjat jew maqbud.	€50 għal kull fenek selvaġġ mhux iddikkjarat	€50 għal kull fenek selvaġġ mhux iddikkjarat	4
5(11)(ċ)	Nuqqas li tiġi rrappurtata kull informazzjoni li tista' tiġi mitluba mit-Taqsima tar-Regolamentazzjoni għall-Għasafar Selvaġġi.	€50	€50	3
7(2)	Użu ta' nemes mingħajr sarima waqt taħriġ jew qbid tal-fenek selvaġġ.	€100	€100	4

7(6) u 9	Il-ġarr ta' arma tan-nar, kemm jekk ikkargata kemm jekk mhix, li ma tkunx fl-għata tagħha, waqt li hija tkun inqas minn 200 metru minn xi belt jew raħal, jew żona abitata oħra: Iżda fejn il-ġarr ta' arma tan-nar, kemm jekk ikkargata kemm jekk mhix, li ma tkunx fl-għata tagħha isseħħ f'distanza ta' inqas minn 150 metru minn xi belt jew raħal, jew żona abitata oħra jew f'żona ristretta, eskluż il-ġarr ta' arma tan-nar fiż-żona mmarkata fuq il-mappa fl-Iskeda III, ir-reat m'huwiex soġġett għall-penali amministrattiva iżda huwa punibbli skont ir-regolament 11.	€250	€250	3
7(7)	Pussess ta' arma tan-nar li jkollha kompartiment tal-iskratać li jista' jżomm aktar minn żewġt (2) iskratać fl-istess ħin.	€250	€250	4
10(1)	Dħul fi proprjetà privata, sakemm l-istess dħul ma jammontax għal reat taħt xi liġi oħra.	€250	€250	4

".